TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 114/19/F

**Nazzareno Fenech**

**vs**

**Sammy Ellul eżerċenti l-kummerċ bħala Ellul Classic Design Woodworks Limited**

Illum, 3 ta' Diċembru, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-30 t'Awwissu, 2019 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elfejn, ħames mija u tletin Ewro (€2,530), rappreżentanti l-prezz ta' bibien li ma ġewx installati.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta,

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li hija rappreżentanta tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ordna 3 bibien sabiex jitwaħħlu ġewwa d-dar tar-rikorrenti stess. Minkejja diversi interpellanzi dawn il-bibien ma kinux lesti fil-ħin, pero' ġara li f'Awwissu kienu lesti, u f'dak iż-żmien ir-rikorrenti m'aċċettahomx.

L-intimat issottometta illi d-dewmien kien minħabba r-rikorrenti li kien siefer u mbagħad meta ġie lura qallu li ma kellux flus biex iħallas, u li għaldaqstant il-bibien huma lesti u sprenjati wkoll, u li jista' jwaħħalhom.

It-Tribunal, wara li ra u sema' lill-partijiet, jinnota li din spiċċat pika bejn il-partijiet u li m'għandux ikun hekk. Illi jekk il-bibien tlestew, dawn għandhom jitwaħħlu u r-rikorrenti għandu jħallas lill-intimat. Pero' tad-dewmien, l-intimat irid iħallas ċertu danni illi skond it-Tribunal kellu ftit tort fiha.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iwaħħal il-bibien pero' bi prezz ridott ta' tliet mitt Ewro (€300) fuq il-prezz finali, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**